VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,540, 26 ta' Frar, 2016
Taqsima B

A.L. 64 tal-2016

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2016 dwar Proċeduri tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar Proċeduri tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali.

(2) L-għan ta' dan l-Ordni hu li jiġu stabbiliti l-proċeduri li għandhom jiġu adottati mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali għat-twettiq tal-funzjonijiet u l-operat tagħha.

Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali stabbilita bl-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija tal-Għajnuna Legali L.S. 497.11

"applikant" tfisser persuna li japplika għall-għajnuna legali;

"id-Direttiva" tfisser id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar, 2003 sabiex jiġi mtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwin transkonfinali billi jiġu stabbiliti regoli minimi dwar l-għajnuna legali għal dan it-tilwin;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"Stat Membru" tfisser xi Stat imsemmi fit-tifsira "it-Trattat" li tinsab fl-artikolu 2(1) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, eskluża d-Danimarka; Kap. 460.

"tilwin transkonfinali" tfisser tilwin fejn il-parti li tapplika għall-għajuna legali skont id-Direttiva hi domiċiljata jew residenti b'mod regolari, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 62 tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012, f'xi Stat Membru barra Malta, jew fejn id-deċiżjoni għandha tiġi infurzata;

"uffiċjali tal-Aġenzija" tfisser l-impjegati amministrattivi tal-Aġenzija.

Funzjonijiet u operat tal-aġenzija.

3. (1) L-Aġenzija għandha tagħti kull assistenza kif meħtieġ għall-amministrazzjoni xierqa tal-benefiċċju tal-għajnuna legali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull talba għall-għajnuna legali għandha ssir lill-Avukat tal-Għajnuna Legali permezz tal-Aġenzija. Għal dan il-għan, it-talbiet għall-għajnuna legali għandhom isiru fuq il-formola tal-applikazzjoni li tinsab fl-Iskeda.

(3) L-Aġenzija għandha tivverifika l-informazzjoni provduta fil-formola tal-applikazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn, u għal dan il-għan l-Aġenzija tista' taċċessa l-informazzjoni miżmuma f'sistemi ta' fajling tal-Gvern, inkluż *databases*, fir-rigward tal-applikant.

(4) L-uffiċjali tal-Aġenzija għandhom jassistu lill-Avukat tal-Għajnuna Legali fit-twettiq tal-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jkunu assistiti applikanti, meta jkun meħtieġ, fil-mili tal-formola tal-applikazzjoni;

(b) sabiex iservi ta' awtorità sasbiex jirċievi jew imexxi applikazzjonijiet għall-għajnuna legali fil-każ ta' tilwin transkonfinali;

(ċ) sabiex jassigura li l-applikazzjonijiet ikollhom id-dokumentazzjoni kollha rilevanti li tkun magħrufa mill-applikant li tkun meħtieġa sabiex l-applikazzjoni tkun tista' tiġi proċessata;

(d) bħala awtorità li tibgħat, sabiex l-applikant ikun assistit biex ikollu t-traduzzjoni tal-applikazzjoni u jekk meħtieġ id-dokumenti meta l-applikazzjoni ssir għand l-awtoritajiet ta' xi Stat Membru ieħor;

(e) sabiex l-applikant ikun infurmat bil-proċess tal-applikazzjoni, u fejn l-applikazzjoni ma tkunx milqugħa kollha jew parzjalment, sabiex jingħataw ir-raġunijiet għalfejn ma ġietx milqugħa;

(f) sabiex ikun provdut servizz ġenerali ta' *customer care* u biex tingħata l-informazzjoni;

(g) sabiex jinżammu *databases* u reġistri tad-dokumentazzjoni rilevanti;

(h) sabiex jiġu magħmula dawk il-funzjonijiet l-oħra li jkunu mitluba mill-Avukat għall-Għajnuna Legali.

Post minn fejn topera l-Aġenzija.

4. L-Aġenzija għandha topera minn dak il-post li jkun maħtur għal dan il-għan mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

Formola tal-applikazzjoni għall-Għajnuna Legali

Taqsima 1 – Dettalji Personali

Isem ..... Kunjom .....

Indirizz .....
.....

Nru tal-Karta tal-Identità ..... jew Nru. tal-Passaport .....

Nru. tat-Telefon ..... Nru. tal-Mobajl .....

Indirizz elettroniku .....

Nru. tal-persuni fid-dar .....

L-eqreb qarib: Isem ..... Kunjom .....

Indirizz .....
.....

Nru. tat-Telefon ..... Nru. tal-Mobajl .....

Indirizz elettroniku .....

Taqsima 2 - Raġunijiet għalfejn qed tintalab l-għajnuna legali

Raġuni għall-ħtieġa li jkun assenjat avukat tal-għajnuna legali:

.....
.....
.....

Taqsima 3 - Dikjarazzjoni Finanzjarja

Min iħaddem ..... Dħul fix-Xahar/fis-Sena € .....

Għajnuna tas-Sigurtà Soċjali ..... Dħul fix-Xahar/fis-Sena € .....

Manteniment ..... Dħul fix-Xahar/fis-Sena € .....

Dħul ieħor ..... Dħul fix-Xahar/fis-Sena € .....

Kontijiet tal-Bank

Isem tal-Bank ..... Bilanċ € .....

Isem tal-Bank ..... Bilanċ € .....

VERŻJONI ELETTRONIKA

Isem tal-Bank ..... Bilanċ € .....

Investimenti

Tip ta' Investiment ..... Bilanċ/Valur € .....

Proprjetà

Indirizz .....

Indirizz .....

Indirizz .....

Taqsima 4 - Dokumenti li jridu jiġu mehmuża mal-applikazzjoni (immarka fejn applikabbli u ehmeż id-dokument)

Fotokopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant	☐
L-aħħar *slip* tal-paga (jekk impjegat)	☐
Jekk tirċievi l-Għajnuna Soċjali, dokument uffiċjali bħala evidenza	☐

Taqsima 5 - Dikjarazzjoni tal-applikant

Jien nikkonferma li l-informazzjoni li provdejt hija veritiera u tagħti stampa kompleta tal-mezzi tiegħi. Jien naf li l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali tista' tivverifika l-informazzjoni li provdejt f'din il-formola tal-applikazzjoni, u kif ukoll fid-dokumenti ta' sostenn, billi taċċessa tali informazzjoni fis-sistemi ta' fajling tal-Gvern, inkluż *databases*, fir-rigward tiegħi

....
Isem u kunjom b'ittri kbar Firma

Immarka kif tixtieq li ssir il-komunikazzjoni miegħek u tkun notifikat bir-risposta:

bil-posta ☐ jew bil-posta elettronika ☐

Dikjarazzjoni tal-Protezzjoni tad-*Data*:

Id-*data* personali kontenuta f'din il-formola hija miġbura mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali għall-iskop tal-ipproċċessar għat-talba tal-għajnuna legali u ma tkunx żvelata lil partijiet terzi mingħajr il-kunsens speċifiku tal-applikant sakemm mhux strettament mitlub mill-liġi. L-applikant għandu d-dritt li jitlob li jaċċessa l-informazzjoni personali tiegħu/tagħha u kif ukoll id-dritt jirretifika u fejn applikabbli, iħassar *data* personali li mhijiex eżatta, inkompleta jew irrelevanti kif proċessata mill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali f'dan ir-rigward.